MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 119/2002

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**George Zahra**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Billi fit-8 ta' Frar 1995 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/123/95/ENMU/NENF, kopja hawn annessa u markata bhala Dok IJS1, f'isem il-konvenut.

Peress illi l-istess Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq,

jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal elf mitejn u tlieta u tletin liri Maltin u disgha u tletin centezmu (LM 1233.39), u dan kif jidher mill-annessa *Invoice no. 1565* datata 23 ta' Settembru 2000 markata bhala Dok. IJS2A u mill-annessa *Invoice no. 1443* datata 5 ta' Lulju 2000 markata bhala Dok. IJS2B.

U billi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jikkundannah ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u tletin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM 1233.39) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002."

Ra r-risposta:

1. "It-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ammont mitlub m'hux dovut mill-konvenut.

2. Illi l-konvenut George Zahra kien diga' beda xoghol ta' twaqqiegh tal-bini mertu ta' din il-kawza pero' ma thalliex ikompli.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa wiehed esagerat.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Illi huwa principju legali elementari li d-danni u l-ispejjez iridu jigu mminimizzati, u dan japplika b’mod partikolari ghall-awtoritajiet pubblici. Fil-kaz prezenti, huwa minnu, u t-Tribunal japprezza, li minhabba d-diffikulta’ sabiex jinstab min jaghmel ix-xoghol ta’ demolizzjoni konness ma’ ordni ta’ twettieq dan ix-xoghol jigi oghla min-normal. Japprezza wkoll illi min jikkommetti illegalitajiet goffi bhal bini minghajr permess irid ihallas ta’ ghemilu. Min-naha l-ohra, ma hemmx ghalfejn wiehed imur fl-esagerazzjonijiet kommessi mill-MEPA f’dan il-kaz: biex twaqqa’ hajt u cirka tlett kwarti ta’ hajt iehor, it-tnejn tas-singlu, ma kienx hemm ghalfejn imorru hmistax-il haddiem tad-dipartiment tax-xoghlijiet f’okkazjoni wahda, u f’okkazjoni ohra erbatax-il haddiem. U li dawn jithallsu LM25-il ras, u cioe’ ghandu jifhem it-Tribunal, ta’ gurnata xoghol jekk mhux izjed. U dawn ingiebu minn Malta meta setghu facilment ingiebu minn Ghawdex stess. Dan biex it-Tribunal isemmi biss ezempju wiehed tal-esagerazzjoni fil-kontijiet.

Hames haddiema bil-LM25-il ras u migjubin minn Ghawdex fejn zgur li m’hawn l-ebda nuqqas taghhom ukoll kienu jkunu altru milli sufficjenti. Ghaldaqstant ikun ekwu li s-somma mitluba titnaqqas, anke ghal din ir-raguni biss, is-somma ta’ LM600 mill-ammont tal-pagi. Fic-cirkostanzi, arbitrio boni virii, jidher li l-ammont ta’ LM600 ikun iktar gust bhala ammont li ghandu jinghata lill-Awtorita’ attrici.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar limitatament ghas-somma ta’ LM600 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali tat-28 ta’ Frar 2002 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------